**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:
DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**
(Spettur Frans Micallef)
**vs**
**Joseph Sammut**
**Steven Camenzuli**

Illum 21 ta` Frar 2002.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati:

1. **Joseph Sammut** ta` 21 sena, bin Calcedonio u Catherine nee` Agius, imwieled San Giljan fis-6 ta` Lulju 1979 u joqghod 16 Triq il-Fraxxnu, San Giljan, ID 386579 (M);

2. **Steven Camenzuli** ta` 17 il-sena, bin Pacifico u Maria Dolores nee` Muscat, imwieled Pieta` fil-21 ta` Ottubru

1983 u joqghod Binja 21 ta` Settembru 1964, Entratura B, Flat 2, Ta` Zwejt, San Gwann, ID 545183 (M).

A. Talli f`Tas-Sliema, fil-25 ta` April 2001, bejn l-10.00 am u l-4.00 am., ikkommettew serq, liema serq huwa kwalifikata bil-mezz, bil-valur, liema valur huwa ta` aktar minn Lm100 izda anqas minn Ln1,000, u bil-hin.

B. Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq jew akkwistati b`reat, sew jekk dan sar Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b`kull mod li jkun, indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom.

C. Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm500.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-11 ta` Mejju 2001;

Rat li l-akkuzati ma oggezzjonawx li l-kaz taghhom jigi trattat minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Rat li l-akkuzati ammettew fis-seduta tal-lum, l-akkuzi migjuba kontrihom.

Issibhom hatja;

Fil-konfront ta` ***Steven Camenzuli:*** Rat l-Artikoli 261, 263, 267, 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta` Malta;

Stante l-kondotta nadifa ta` l-akkuzat Steven Camenzuli, filwaqt li **ssibu hati, tilliberah that il-provvedimenti tal-imsemmi Artikolu 9 tal-Kapitolu 152, b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mill-lum.**

Fil-konfront ta` ***Joseph Sammut:*** Rat l-Artikoli 261, 263, 267, 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9.

Ser tapplika l-imsemmi Artikolu 28A tal-Kapitolu 9, b`dan li dan hu l-ahhar sinjal ghall-hati biex ibiddel triqtu.

Tikkundannah **sena habs, liema sentenza m`ghandhiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat fi zmien sena mill-lum jaghmel reat iehor soggett ghall-prigunerija.**

Vera kopja.

(ft) Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep. Reg.